MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 418/2003

**Emmanuel Buttigieg**

**vs**

**Joe Cauchi**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta’ Frar 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ elf, mija u tnejn u hamsin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm1152.88) rapprezentanti prezz ta’ alteration works li saru mill-attur fil-fond propjeta’ tal-konvenut skond ftehim tas-16 ta’ April 2001. Il-prezz ta’ dawn ix-xoghlijiet minghajr VAT kienu jammontaw ghal Lm3200.00. Wara l-partijiet ftehmu li l-attur kellu wkoll jaghmel bazi tal-konkos ghall-prezz ta’ Lm585.12 bla VAT. Il-konvenut irid ghalhekk ihallas Lm585.12 bhal l-prezz

ghall din il-bazi tal-concrete, Lm87.76 bhal l-VAT fuq dan l-ammont, kif ukoll is-somma ta' Lm480.00 VAT fuq is-somma ta' Lm3200.00.

Bl-ispejjes ta' ittra nterpellatorja tad-19 ta' Ottubru 2001 u bl-ispejjes ta' ittra ufficjali tas-7 ta' Marzu 2002 u bl-imghax relattiv sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li fl-ewwel lok rigward l-alternative works imsemmmija fit-talba il-ftehim kien li dawn kellhom jammontaw ghal total ta' Lm3200.00 bil-VAT b'kollox liema ammont thallas mill-konvenut u l-istess hlas gie accettat kif jirrizulta midf-dokumenti esebiti u mmarkati bhala Dok. JC1 u JC2. Rigward il-bazi tal-concrete li skond it-talba huwa Lm585.12 jinghad li l-ammont mitlub huwa eccessiv u dan peress li skond l-istess ftehim li kien hemm bejn il-partijiet kellu jinhareg kont tax-xoghlijiet mill-perit tal-konvenut liema kont inhareg (Dok. JC3) fl-ammont ta' Lm205.00 u ghaldaqstant il-konvenut huwa dispost li jhallas biss dan l-ammont ta' Lm205.00 skond il-kont mahrug mill-perit tieghu.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhhieda tal-attur, ta' Benny Curmi, Joe Sciberras, tal-konvenut u takl-AIC Mario Grech. Ha konjizzjoni tac-crkostanzi kolha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Permezz ta' ftehim li sar fis-16 ta' April 2001 il-partijiet fil-kawza odjerna kienu qablu li l-attur kellu jaghmel xi xoghlijiet fil-propjeta' tal-konvenut fis-Swieqi. Hemm qbil bejn il-partijiet li l-prezz miftiehem kien ta' Lm3,200.00 u dan l-ammont efffettivament thallas mill-konvenut lill-attur, parti qabel u parti malli tlestew ix-xoghlijiet. Parti mill-

ammont li jifforma s-sorte fil-kawza odjerna jirrigwarda t-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fuq dan l-ammont (Lm480.00). Il-konvenut isostni li l-prezz miftiehemm kien jinkludi l-VAT filwaqt li l-attur jirribatti li l-ftehim bejniethom kien li dan l-ammont ma kienx jinkludi l-VAT. L-attur esebixxa ftehim bil-mktub (a fol. 22 u 23) fejn hemm indikat li l-ammont ta' Lm3,200.00 ma jinkludix il-VAT. Irid jigi rilevat li dan il-ftehim huwa ffirmat biss mill-attur, liema attur isostni li l-konvenut ma ffirmax dan il-ftehim ghaliex kien jghidlu 'mela ma tafdaniex'. It-Tribunal jidhirlu li l-kontenut ta' dan il-ftehim ma jistghax jittiehed in konsiderazzjoni u dan ghal zewg ragunijiet:-

1. Kif diga' spjegat dan il-ftehim m'huwiex iffirmat mill-konvenut; u
2. Fit-tieni pagna tal-ftehim hemm indikat dettalji dwar il-concrete base u mill-provi rrizulta li n-necessita' ta' din il-concrete base qamet wara li nbdew ix-xoghlijiet u ghalhekk wara li l-partijiet kienu lahqu ftehim dwar il-prezz. Dan ifisser li l-kontenut ta' din l-iskrittura m'huwiex indikattiv ta' dak li effettivament ftehmu verbalment il-partijiet. Din l-iskritttura hija datata 16 ta' April 2001 u cioe' meta suppost il-partijiet lahqu l-ftehim verbali izda fiha dettalji dwar il-prezz tal-bazi tal-concrete li kif diga' spjegat aktar il-fuq, sar ftehim dwara f'fazi sussegwenti, u cioe' meta kienu diga' nbdew ix-xoghlijiet.

L-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jipprovdi li sakemm ma jigix specifikat il-kuntrarju, prezz huwa meqjus li jinkludi l-VAT. Dan ifisser li meta l-partijet fil-kawza odjerna ftehmu dwar il-prezz ta' Lm3,200.00 dan kien jinkludi l-VAT. It-Tribunal ma jidhirlux li l-ftehim verbali kien li dan l-ammont ma kienx jinkludi l-VAT ghaliex altrimenti l-attur ma kienx jaccetta l-ammotn ta' Lm3200.00. Inoltre jrid jigi rilevat li l-attur issolleva l-kwistjoni tal-VAT fuq l-Lm3,200.00 biss fl-istadju meta nqala' disgwid dwar l-ammont li kellu jithallas ghax-xoghlijiet addizzjonali u mhux fil-mument li gie effetwat il-pagament.

In kwantu jirrigwarda l-prezz tax-xoghol addizzjonali l-attur isostni li kien sar ftehim verbali fir-rigward u li huwa addirittura kiteb dan il-prezz fuq il-hajt fejn kienu qeghdin

isiru x-xoghlijiet. Dak li qal l-attur gie korroborat minn Benny Curmi u Joe Sciberras u t-Tribunal m'ghandux ghalfejn jiddubita minn dak li qalu dawn iz-zewg xhiea li kienu prezenti meta sar il-ftehim bejn il-partijiet dwar il-prezz tax-xoghol addizzjonali. It-Tribunal ghalhekk jirritjeni li l-ammont ta' Lm585.12 huwa dovut mill-konvenut.

Ghall-istess ragunijiet imsemmija aktar il-fuq, it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-hlas tal-l-ammont ta' Lm87.76 qeghda wkoll tigi michuda peress li t-Tribunal jirritjeni li l-prezz miftiehem kien jinkludi l-VAT stante lli ma gie specifikat il-kuntrarju.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici limitatament ghas-somma ta' hames mija u hamsa u tmenin lira Maltin u tnax il-centezmu (Lm585.12), bl-imghax pagabbli mill-llum.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal nofs mill-attur u nofs mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------